DAWRA KULTURALI MAL-PORT IL-KBIR (3)

JOSEPH SERRACINO

Il-*Breakwater* fl-1941

M'hemmx dubju li dawk it-turisti li għandhom għal qalbhom l-Istorja u drawwiet tal-pajjiżi li jżuru, dawra kulturali madwar il-Port il-Kbir mhux biss tagħtihom stampa reali tal-istorja rikka u glorjuża ta' pajjiżna, iżda turihom ukoll l-iżvilupp kontinwu li sar f'dan il-port marittimu f'epoki differenti. Minkejja li kull perjodu kolonjali ħalla mpatt kbir fuqu, xorta waħda kompla jiżviluppa u jaqdi l-ħtiġijiet marittimi ta' pajjiżna u jiġġenera x-xogħol għall-poplu tagħna.

Mela issa ejjew flimkien nibdew id-dawra kulturali tagħna madwar il-Port il-Kbir, billi minn issa 'l quddiem nimmaġinaw li aħna qegħdin fuq lanċa tat-turisti, deħlin minn taħt il-pont tal-ħadid, u nibdew il-mawra tagħna billi nagħtu ħarsa lejn il-bajja sabiħa tal-Irnella, nibqgħu neżlin minn taħt l-Isptar ta' Bighi u nidħlu fid-daħla tal-Kalkara, induru mal-Forti ta' Sant' Anġlu, nidħlu f'Dockyard Creek u nagħtu titwila lejn it-tlett ibliet tal-Kottonera, induru mal-Ponta tal-Isla, nagħtu ħarsa lejn daħlet il-Franċiżi, imbagħad naqsmu l-kanal għan-naħa tal-Furjana u l-Belt u bilmod il-mod nibqgħu telgħin max-xtut ta' Lascaris u l-Barrieri fi triqtna lura lejn tas-Sliema. Ovvjament fil-Port il-Kbir għandna diversi siti storiċi u ta' interess partikolari, u għalhekk, it-tagħrif fil-qosor li se ngħaddilkom mhux biss se jgħin lill-istudenti fl-istudju tagħhom, iżda jhenni wkoll lil dawk il-qarrejja li għandhom għal qalbhom l-istorja ta' pajjiżna.

IL-*BREAKWATER*

M'hemmx l-iċken dubju li l-bini tal-*Breakwater* hu meqjus bħala l-akbar opra maestuża li saret tul il-ħakma Ingliża fostna. Fil-fatt, il-ħtieġa li fil-bokka tal-Port il-Kbir isir xi tip ta' għeluq minn taħt il-Forti Sant' Jiemu sa taħt il-Forti Rikasli kienet ilha tinħass mill-1860, iżda kellhom jgħaddu 43 sena sakemm din il-ħolma saret realtà.

Jingħad li qabel ma sar il-*Breakwater*, il-fetħa tal-Port il-Kbir kienet protetta minn katina kbira tal-ħadid minn taħt il-Forti Sant' Jiermu għall-Fortizza tar-Rekażli. Din il-katina kienet isservi biex tipproteġi l-Port il-Kbir mid-dħul ta' bastimenti tal-għadu.

Kif wieħed jista' jimmaġina, il-fetħa wiesa' tal-Port il-Kbir kienet riskjuża u ta' theddida kontinwa għax-Xwieni, u aktar tard għall-bastimenti tal-isteam li kienu jsorġu taħt l-Isptar ta' Bighi jew jorbtu mal-mollijiet tax-xtut il-Barrieri u ta' Lascaris, l-aktar fl-eqqel xhur tax-xitwa, meta l-Port il-Kbir kien jinħakem minn xi maltemp kbir (xi Grigalata) u minn irjieħ qawwija. Minħabba l-kurrenti qawwija li kienu jidħlu mill-bokka tal-Port, ħafna mill-bastimenti, bejn ix-xhur xitwin ta' Ottubru u Frar kienu jidħlu għal kenn f'Daħlet il-Franċiżi (French Creek) u jsorġu wara l-Isla.

Ironikament id-dewmien tal-maltemp u l-istennija biex il-bastimenti jkunu jistgħu jbaħħru mill-ġdid, sa ċertu punt kien ta' benefiċċju kbir għall-ħaddiema tattarzni żgħar, li sa nofs is-Seklu 19 kienu armati wara l-Isla.

Ħafna mill-kaptani ta' dawn il-bastimenti, kienu jieħdu l-opportunitá biex sakemm ibatti l-maltemp jagħmlu xi xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bastimenti tagħhom, fejn ħafna minn dan ix-xogħol kien isir mill-ħaddiema ta' dawn it-tarzni.

Il-pjanti tal-Breakwater saru mill-kumpanija Coode Sons & Matthews u l-ispiża globali ta' dan il-proġett kienet stmata li se tiswa lill-Ammiraljat Ingliż madwar £677,000, iżda ħafna jsostnu li finalment is-somma qorbot il-miljun sterlina. Dan il-proġett kien jikkonsisti f'għamla ta' żewġ dirgħajn, it-tnejn ħerġin 'l barra għan-nofs il-port, waħda minn taħt il-Forti ta' Sant' Jiermu u l-oħra minn taħt ir-Rikażli.

Id-driegħ li kienet tispara minn taħt Sant' Jiermu kellha tul ta' 413 metru b'75 metru wisa' u li kienet twasslek għal fuqu permezz ta' pont tal-ħadid imwaqqaf fuq żewġ kolonni kbar finnofs, waqt li d-driegħ li kienet tispara 'l barra minn taħt il-Forti tar-Rikażli kellha tul ta' 133 metru bi 13-il metru wisa'. Il-kuntrattur ta' dan ix-xogħol kien Pearson & Sons u l-inġinieri kienu Davies & Greenburgh.

Għalkemm l-ewwel ġebla tal-Breakwater suppost li tqegħdet mir-Re Dwardu VII tal-Ingilterra fit-18 ta' April 1903, din iċ-ċerimonja saret tliet ijiem wara minħabba l-maltemp kbir li ħakem il-Port il-Kbir. Ix-xogħol fuq il-Break Water tlesta f'Ottubru 1910. Jingħad ukoll li fuq dan il-proġett kienu ħadmu aktar minn 500 ħaddiem, fosthom ħafna Sqallin u Spanjoli.

Fiż-żmien il-Gwerra (26 ta' Lulju 1941) il-pont (struttura kbira tal-ħadid) li kien jgħaqqad Sant'Jiermu mal-*Breakwater* ġie mġarraf. Fir-riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, inbena pont ieħor, struttura kbira tal-ħadid ta' 70 metru tul u tqila madwar 190 tunnellata. Dan il-pont ġie inawgurat fit-23 ta' Lulju 2012.



Il-bajja tar-Rinella

IL-BAJJA TA' RINELLA

L-ewwel daħla li ssib hekk kif tidħol fil-Port il-Kbir hi dik ta' Rinella – bajja ramlija, b'tul ta' madwar 400 metru, b'baħar baxx u nadif ħafna, tant li fix-xhur tas-sajf, din il-bajja hi mfittxija ħafna minn bosta familji mill-Kottonera biex jgħumu fiha. Fil-fatt, din hi l-unika bajja fil-port li għadha tajba għall-għawm, għalkemm xi kultant għadni nara nies jgħumu taħt it-Toqba tal-Birgu u l-Ponta tal-Isla.

Mad-daqqa ta' għajn lejn din il-bajja ramlija mill-ewwel tieħu l-impressjoni taddominanza kolonjali li kienet maħkuma Malta matul iż-żmien, bil-Forti Rikażli fuq naħa tal-Port u bl-Isptar ta' Bighi jiddomina l-għolja tal-Kalkara.

Sintendi l-makkinarju strutturali tal-ħadid ippustat fuq pjattaforma tal-konkos li joħroġ 'l barra għal fuq il-baħar 'l isfel mir-rampa tal-Forti tar-Rikażli jagħmel parti mit-Tank Cleaning Farm tat-Tarżna ta' Bormla (illum Palumbo) li kien inbena fl-1965 u sewa madwar Lm600,000. Fl-1993 ġie upgraded b'għadd ta' tankijiet kbar li fihom kien jinħażen iż-żejt mhux maħdum, u tipi oħra ta' żjut li kienu jiġu ppumpjati mit-tankijiet tat-*tankers* qabel dawn jidħlu għat-tiswijiet fit-Tarzna.

Marbuta storikament malisem (Rinella) din ix-xaqliba tal-Kalkara nsibu l-Batterija tal-Irnella (Kalkara). Din il-batterija nbniet fiż-żmien il-ħakma Ingliża għal ħabta tal-1884 biex tħares il-port, peress, li skont l-inġinieri militari Ingliżi ta' dik l-epoka, il-fortizzi ta' żmien l-Ordni kienu spiċċaw l-użu tagħhom. Interessanti hu l-fatt li f'din il-batterija jinsab kanun ġgantesk ta' 100 tunnellata – aktarx wieħed miżżewġ kanuni tat-tip tiegħu (Armstrong) li għadhom jeżistu fid-dinja.

Illum din il-batterija tażżmien ir-Reġina Vittorja, li min xi wħud magħrufa bħala Fortizza, hi amministrata mill-Fondazzjoni Wirt Artna, u regolarment tinfetaħ għall-pubbliku.

Fl-istess inħawi ta' din il-batterija nsibu Rinella Movie Park (1998), li hu parti mill-Mediterranean Film Studios li twaqqaf fl-1963, meta wara li nbena l-ewwel tank, fl-1964 inħadem il-film "The Bedford Incident". Sintendi dawn l-istudios maż-żmien komplew jikbru b'tank ieħor, u f'dawn l-aħħar 50 sena nħadmu bosta films u għadd ġmielu ta' produzzjonijiet kbar.

Tkompli f'ħarġa oħra